**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**20 ta' Ġunju, 2021**

# IL-KELMA "MISSIER"

F'dan il-Ħadd qegħdin niċċelebraw Jum il-Missier. Għal ħafna, il-kelma "Missier" ma tqajjimx sentimenti fina daqskemm meta nsemmu lill-"Omm". Huwa fatt skont in-natura li l-omm għandha rabta fiżika ma' wliedha iktar qawwija minn dik tal-missier. Il-ħajja turina li l-missier għandu rabta ma' wliedu b'mod differenti minn dik tal-omm, rabta li hija indispensabbli, rabta li xħin tinżamm u xħin nibżgħu għaliha tagħmel mill-ulied persuni sħaħ, b'karattru nobbli.

Meta dan l-aħħar il-Papa Franġisku kiteb fuq San Ġużepp, fakkarna li anke Ġużeppi għallem lil Ġesù jimxi, anke San Ġużepp kien jgħid lil Ibnu sabiex jobdi lil Ommu Marija. San Ġużepp għex f'sintonija ma' martu Marija. Flimkien marru Betlehem, flimkien ħarbu għall-Eġittu, flimkien reġgħu lura u ssetiljaw mill-ġdid f'Nazaret.

Nirringrazzjaw lil Alla għall-missirijiet tagħna. Nirrispettawhom u nħobbuhom billi nobduhom u nagħtu kas tal-pariri li jagħtuna. F'dan il-Jum tal-Missier, iktar milli rigali u ikliet, l-iktar ħaġa li tferraħ lill-Missier hija li l-ulied jagħtu widen u jagħtu valur lill-valuri li l-missirijiet ippruvaw jgħaddulhom.

Il-kelma Missier b'sens iktar wiesgħa napplikawha wkoll għall-Appostli Pietru u Pawlu; Pietru għax huwa l-Missier tal-merħla li Kristu ħalla f'idejh, Pawlu huwa missierna bil-mod speċjali tiegħu, għax ġie hawn u nissilna fil-Fidi.



***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

## AVVIŻI:

**ĠABRA GĦALL-FESTA:** il-ġabra għall-festa bl-envelopes u fil-ferta tal-knisja laħqet is-somma ta' €4,125. Biex intellgħu ftit is-somma ħalli nqarrbu għal dak li għandna bżonn, qed nitolbukom biex nhar id-19 u l-20 ta' Ġunju, dawk li għadhom ma tawx il-kontribuzzjoni tagħhom, iġibuha f'dawn il-ġranet u jitfgħuha mal-ferta. Nirringrazzjawkom tal-kollaborazzjoni tagħkom. Il-Mulej ibierek lil min jagħmel offerta minn qalbu.

**ATTIVITÀ GĦAT-TFAL:** hemm tliet persuni Taljani, Pietro, Mary u Joele li għandhom il-ħsieb li jorganizzaw IL MERCATINO għat-tfal kull nhar ta' Ġimgħa fix-xahar ta' Lulju. L-attività tikkonsisti filli t-tfal taħt l-erbatax-il sena jarmaw post mnejn ikunu jistgħu jpartu xi oġġetti li jkollhom ma' tfal oħrajn. Fil-ħarġa tal-bullettin li ġej nagħtukom iktar informazzjoni.

**DONAZZJONIJIET FL-OKKAŻJONI TAL-GRIŻMA U L-EWWEL TQARBINA:** nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw donazzjoni fl-okkażjoni tal-Griżma tal-Isqof u tal-Ewwel Tqarbina. Is-somma totali kienet ta' €1,498. B'din is-somma nħallsu għall-maskri, ix-xemgħa, id-drycleaning tal-ħwejjeġ u jibqa' xi ħaġa għall-Knisja. Grazzi!

**PREŻENTAZZJONI:** fi tmiem il-quddiesa li se ssir għall-frontliners li ħadmu fil-qasam tas-saħħa f'din il-pandemija li għaddejjin minnha, it-tabib Mario Saliba se jippreżenta u jniedi l-ktieb li qed jippubblika propju f'dawn il-ġranet u li jġib l-isem: *Ħajja u Mewt, il-Mard u s-Saħħa f'Għawdex fi żmien l-Arcipriet Martin Camilleri 1910-1921.* Il-ktieb huwa frott ta' riċerka ta' tliet snin u fost l-oħrajn jixħet dawl fuq kif laqtitna, anke hawnhekk fin-Nadur, il-pandemija msejħa l-influwenza Spanjola, propju meta l-Arċipriet Martin Camilleri kien ragħaj spiritwali tal-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl.

**IL-KTIEB FUQ DUN MARTIN:** Dawk li jixtiequ jakkwistaw kopja tal-ktieb li għadu kif ħareġ Daniel Meilak, bil-kollaborazzjoni ta' Dennis Mifsud, jistgħu jiġu għalih fl-Uffiċċju Parrokkjali. Il-ktieb jismu *Dun Martin– Ħajtu u Ħidmietu*. Huwa mqassam f'7 kapitli u fih ukoll 28 illustrazzjoni, li xi wħud minnhom ġew riprodotti għall-ewwel darba. Il-ktieb jiswa €7 u tistgħu tiġu għalih l-Uffiċċju t-Tnejn, l-Erbgħa jew il-Ġimgħa mid-9:00am sal-11:30am.